

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 101/2016****tad-29 ta' April 2016****li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/2051]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2002 tal-10 ta' Novembru 2015 li jemenda l-Annessi IC u V tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart ⁽¹⁾ irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Anness XX mal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 32c (ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX għall-Ftehim ŻEE:

“— **32015 R 2002:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2002 tal-10 ta' Novembru 2015 (ĠU L 294, 11.11.2015, p. 1).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/2002 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' April 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 294, 11.11.2015, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.